**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**

**Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Simone Grech B.A. LL.D. Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum 10 ta' Jannar 2023**

**Pulizija**

**Spettur Josef Gauci**

**Vs**

**Armando Lo Cascio**

**Kawża numru 41/2021**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Armando Lo Cascio ta' 75 sena, detentur tal-karta tal-identita' Taljana bin-numru AY5522224 li permezz tagħhom ġie akkużat talli:

*"f'dawn il-Gzejjer, nhar it-30 ta' April 2021 u/jew fil-gimghat u x-xhur ta' qabel, gewwa Caruana Flats, Flat 1, Triq Santa Marija, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex u/jew fil-vicinanzi:*

1. *Gieghel animal isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn jew abbandunah;.*

2. *U aktar talli fl-istess cirkostanzi, bhala persuna li jzomm jew jaqbel li jzomm l-annimali, naqas li jkun responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom;*

3. *U aktar talli fl-istess cirkostanzi, rabat, qafel, rabat b'katina jew irrestringa kelb, jew ikkawza li kelb jintrabat, jinqafel, jew jintrabat b'katina, marbuta ma' kwalunkwe oġġett wieqaf bħala mezz permanenti ta' żamma tal-kelb jew bħala mezz primarju ta' żamma tal-kelb;*

4. *U aktar talli fl-istess cirkostanzi, bhala sid jew detentur abbanduna l-kelb tieghu, u/jew halla kelb li jkollu licenza f'post pubbliku kemm il-darba hu bhala sid jew detentur, ma kienx mieghu;*

5. *U aktar talli fl-istess cirkostanzi, sakkar jew ġiegħel, jew ippermetta, li xi annimal jissakkar f'xi post, u naqas li jieħu dawk il-prekawzjonijiet meħtieġa skont iċ-ċirkostanzi sabiex ma jħallix lil dak l-annimal idejjaq lill-ġirien, permezz ta' inbih jew tnewwih jew xort'oħra;*

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba biex f'każ ta' ħtija tqis lil Armando Lo Cascio bħala reċidiv, u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-qorti hekk kif ippreseduta.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti.

Semgħet il-provi prodotti.

Semgħet trattazzjoni.

Rat l-atti kollha ta' din il-kawża.

**Ikkunsidrat:**

**Dwar l-ewwel zewġ imputazzjonijiet li għandha quddiemha din il-Qorti, u cioe' dawk taht l-artikolu 8(2) u (3) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta**, fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur Christina Delia) vs Leon Borg (Kumpilazzjoni numru 477/2019) fit-12 ta' Mejju, 2020, intqal:

*"Illi l-imputat jinstab mixli bl-imputazzjoni regolata mill-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Kapitolu 439). L-artikolu 8(2) li jiddisponi illi:*
*(2) L-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u l-ebda annimal ma jista' jigi abbandunat.*
*Bl-emenda introdotta bl-Att XXXV tas-sena 2014 ġie speċifikat f'aktar dettal liema passi għandhom jittieħdu minn min ikun qed jieħu ħsieb annimal biex jiżgura illi kull annimal ikollu kull ma jinħtieġ, inkluż ambjent adegwat u*
*ikel xieraq fost oħrajn. Bl-introduzzjoni ta' dan is-subparagrafu il-Leġislatur ried jiċċara l-interpretazzjoni tal-artikolu 8 sabiex jinkorpora*

*diversi xenarji differenti u li n-nuqqas tagħhom jistgħu indubjament iwasslu għat-tbatija, mard jew uġiegħ tal-annimal miżmum.*

*Bil-piena għal dan ir-reat jigi regolat mill-artikolu 45 tal-istess Att. Illi imbaghad l- artikolu 2 ta' l-Att taghti definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi il-moħqrija fejn jinghad illi:*

*"moħqrija", fir-rigward ta' annimal, tfisser li ġġiegħel lill-annimal, b'xi att jew ommissjoni, isofri uġiegħ jew tbatija li fix-xorta jew millqawwa, jew fil-għan tagħhom, jew fiċ-ċirkostanzi li fihom ikunu imposti, jkunu żejda jew bla ħtieġa;*

*Hekk kif il-maġġoranza tal-Maltin u l-Għawdxin iħobbu l-annimali u dawk li jrabbu l-annimali domestiċi qiegħed dejjem jiżdied. Għandu minnufih jintbagħat messaġġ b'saħħtu lil dawk il-persuni li iwettqu atti moħqrija fuq l-annimali, għaliex dawn l-atti mhux aċċettabbli.*

*Minn dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti jidhrilha li annimal jista' jiġi mġiegħel isofri uġiegħ, tbatija, jew dwejjaq bla bżonn jew li jiġi abbandunat kemm b'azzjoni ta' kommissjoni kif ukoll b'azzjoni t'omissjoni. Tista' tabbanduna annimal billi tkeċċih fiżikament minn daru daqskemm tista' tabbanduna annimal billi tonqos milli titimgħu u tagħti kasu. Tista' ġġegħlu jbati billi ttiħ ikel li ma jkunx tajjeb għalih, daqskemm tista' ġġegħlu jbati billi tonqos milli ttiħ biżżejjed ikel tajjeb għalih. Tista' ġġegħlu jbati wġiegħ billi issawtu fiżikament daqskemm tista' ġġegħlu jbati wġiegħ billi ma ttiħx il-kura veterinarja meħtieġa għal mard jew ġrieħi li jkollu (Appell numru 146 tal-2019 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Carmelo ZAMMIT deciz mill-Imhallef Aaron Bugeja fit-12 ta' Novembru 2019).*

*L-Imhallef Michael Mallia fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija (Sp. Fabian Fleri) Vs Joseph Galea (Appell Kriminali Numru. 396/2011 deciz fid-29 ta' Mejju 2013) kien dahal f'dettal meta evalwa l-mohqrija tal-annimali wara l-kaz li qajjem furur wara l-mohqrija u l-qtil tal-*

*kelba Star "L-istorja aggjaccanti illi xxukkjat nazzjon tal-kelba "Star", dan il-kaz partikulari fejn kelba ohra intremiet hajja fi skip ta' l-iskart u thalliet hemmhekk ghal tnax (12) –il siegha shah f'tereturi mmaginabbli sakemm kumbinazzjoni nstabet minn persuna li kien ghaddej vicin dan l-iskip. Il-kaz ta' klieb u qtates imsamrin fuq kurcifiss imhallija mdendla ma xi kancell jew grada, Zwiemel tal-karozzini mhallijin ghal sighat twal weqfin taht il-qilla tax-xemx minghar protezzjoni biex jaghtu sodisfazzjon ta' ftit flus lil sidhom. Klieb imhollija marbuta minghar protezzjoni ghall-elementi, sajf u xitwa. Il-glied tal-klieb organizzat b'mod kalndestin illi minn zmien ghal zmien jitfacca ghal skrutinju mistmerr tal-pubbliku. U fl-ahhar u xejn inqas il- qtil ta' l-annimal ghal divertiment tal-bniedem."*

*L-gharef politiku u kbir statista Mahatma Gandhi darba kien qal illi l-kburija ta' pajjiz huwa meqjuz mill-mod kif il-pajjiz jitratta l-annimali tieghu. Sfortunatament f'dan il-kuntest il-poplu Malti ma tanx ghandu ghalxiex jiftahar fejn minn zmien ghal zmien qeghdin johrogu rapporti u cirkostanzi ta' mohqrija ta' annimali illi jiddisturbaw il-kuxjenza tal-maggoranza li ghandhom ghal qalbhom il-gid jew kif inhu maghruf blIngliz "well being" ta' l-annimali.*

*L-annimali wkoll ghandhom id-drittijiet taghhom u bazikament huma maqsuma f'hames taqsimiet:*

*1. Li jigu mehlusa mill-guh, il-ghatx billi jkun hemm access ghall-ilma tax-xorb potabli u dieta biex tassigura s-sahha ta' l-annimal.*

*2. Li ma jkunux soggetti ghal dizagi u skonfort billi jigi provdut ambjent siewi nkluz lquh mill-elementi u post fejn jistghu jistriehu.*

*3. Li ma jkunux soggetti ghall-ugieh, feriti u mard bi prevenzjoni u trattament veterinarju fejn mehtieg.*

*4. Li jkunu jistghu jghixu l-hajja normali taghhom billi jigi provdut spazju, facilitajiet adekwati u jkunu esposti ghal annimali ohra ta' l-ispeci taghhom.*

*5. Li jkunu hielsa mill-biza' u piena billi jkunu assigurati kundizzjonijiet u trattament illi jevitaw tbatija.*

*Il-konsegwenza ta' dawn id-drittijiet mhuwiex li l-bniedem jista' juza u jiddisponi mill-annimali kif irid u kif joghgbu izda ghandu r-responsabilta li jassigura li dawn id  drittijiet jigu mharsa."*

Fid-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur Kylie Borg) vs Sergio Borg, fil-5 ta' Ottubru 2020, intqal:

*"Illi dan huwa kaz ta' mohqrija ta' annimali da parti tal-imputat liema mohqrija, lil hinn mill-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi migjuba kontrih, mhux biss jirrizulta b'mod manifest mill-atti processwali izda hija wkoll, fil-fehma tal-Qorti, wahda estrema. Huwa minnu li dan l-istat ta' fatt ma jidhrix li huwa frott ta' xi att pozittiv imwettaq deliberatament mill-imputat fil-konfront tal-annimali li kienu fil-kustodja tieghu, izda dan ma jnaqqas assolutament xejn la mit-tbatija u dwejjaq li evidentement soffrew l-annimali in kwistjoni, u lanqas mill-htija tali imputat ghar-reati lilu addebitati. Ghall-kuntrarju, fil-fehma tal-Qorti, ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz ilahhqu jekk mhux jeccedu, f'dak li huwa mohqrija u krudelta`, kaz ta' att pozittiv ta' sadizmu.*

*Infatti, l-Artikolu 2 tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali jaghti definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi il-moħqrija fejn jinghad illi:-*

*"moħqrija", fir-rigward ta' annimal, tfisser li ġġiegħel lill-annimal, b'xi att jew ommissjoni, isofri uġiegħ jew tbatija li fix-xorta jew mill-qawwa, jew fil-għan tagħhom, jew fiċ-ċirkostanzi li fihom ikunu imposti, jkunu żejda jew bla ħtieġa."*

*Il-fatti ta' dan il-kaz jinkwadraw sfiq f'din id-definizzjoni legali ta' "mohqrija":*

*Minn ezami tal-atti li ghandha quddiemha l-Qorti, jirrizulta li kien hemm abdikazzjoni totali u assoluta da parti mill-imputat mill-harsien tal-benessere u l-htigijiet - anke dawk mill-iktar bazici - ta' dawn l-annimali fuq perijodu ta' xejn anqas minn tliet xhur. Kif jirrizulta mill-*

*istqarrija tieghu, l-imputat, ghad kien ben konxju tal-effetti detrimentali li dan in-nuqqas kien inevitabbilment qed jirreka fuq il-benessere tal-istess annimali, minflok ha azzjoni tempestiva biex jizgura dawn l-annimali ma jkunux neqsin minn ikel, ilma, esercizzju, indafa u igene, akkomodazzjoni xierqa u spazju adegwat biex jghixu minghajr tbatija, ugigh u dwejjaq bla bzonn, iddecieda li jaghlaq ghajnejh u ma jaghmel assolutament xejn biex ihares l-interessi taghhom u b'hekk ikkundannahom,*
*gurnata wara l-ohra, ghal mewt iddisprat.........Effettivament, din l-imgieba passiva izda mill-iktar sadistiku tal-imputat fil-konfront tal-annimali li kien*
*izomm fir-razzett in kwistjoni, hija manifestata fl-atrocitajiet deskritti mill-ufficjali tad-Direttorat ghat-Trattament Xieraq talAnnimali fir-rapport dwar ispezzjoni li huma wettqu fis-6 ta' Jannar 2020 gewwa l-imsemmi razzett...... Ma jistax ma jigix emfasizzat illi dawn l-immagini huma xokkanti, orrendi u tat-tkexkix.*

*Huwa difficli jekk mhux impossibbli jitwemmen kif bniedem jista' xjentement jaghzel li jabbanduna lill-annimali tieghu - li wara kollox kienu totalment dipendenti minnu ghall-inqas bzonnijiet taghhom galadarba huwa kien qafilhom fir-razzett f'cirkostanzi bhal dawk riskontrati fil-kaz in dizamina, fejn l-estremi tal-hmieg, dlam, nuqqas ta' ikel u xorb, fost ohrajn, tant holqu tbatija, dwejjaq u ugigh ghall-istess annimali li dawn waslu fix-xifer tal-mewt u whud minnhom addirittura mietu. Multo magis meta ma jirrizultax illi l-imputat ma ghamel ebda gwadann, qligh jew vantagg iehor evidenti mit-twettiq ta' dan ir-reat."*

Sentenza oħra li eżaminat imputazzjonijiet bħal dawk li għandha quddiemha din il-Qorti, hija dik mogħtija minn din il-Qorti hekk kif

diversament ippreseduta, fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs. Noel Attard, deċiża fl-1 ta' Settembru 2020.

Dwar it-**tielet imputazzjoni,** din tirrigwarda allegat ksur tar-regolament numru 3(1) ta'l-avviz legali 318/2018.

Dan jaqra:

*(1) Ebda persuna ma għandha torbot, taqfel, torbot b'katina jew tirrestrinġi kelb, jew tikkawża li kelb jintrabat, jinqafel, jew jintrabat b'katina, marbuta ma' kwalunkwe oġġett wieqaf bħalamezz permanenti ta' żamma tal-kelb jew bħala mezz primarju ta'żamma tal-kelb: Iżda il-projbizzjoni fuq l-irbit jew trażżin ta' klieb m'għandhiex tapplika għal waqt proċeduri veterinarji jew matul it-trasportazzjoni ta' klieb.*

*(2) Minkejja dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), kull veterinarju u uffiċjal għall-ħarsien xieraq tal-annimali jista' waqt spezzjoni jordna lis-sid jew kustodju ta' kelb biex temporanjament jorbot jew irażżan kelb aggressiv li jista' joħloq periklu lill-pubbliku, lill-annimali jew jikkawża ħsarat fuq proprjetà.*

*(3) Kullar jista' jintuża biss skont dawn ir-regolamenti umeta jintuża dan għandu jkun kullar adegwat.*

Imbaghad ir-regolament 4 ta' l-istess avviz legali jkompli jaqra:

*Iż-żamma fi spazju limitat huwa permess biss:*

*(a) f'kumpartiment adekwat skont l-Iskeda ġewważona mdawra bi ċnut sikuri;*

*(b) fuq art li hija solida u impermeabbli;*

*(ċ) f'kundizzjonijiet ta' iġjene tajba; u*

*(d) mingħajr irbit jew trażżin: Iżda li fil-każ li jkun hemm kwalunkwe kundizzjoni jewsitwazzjoni li hija tali li tista' tkun ta' periklu għas-saħħa u s-sigurtàtal-kelb, nies jew annimali oħra, mezzi oħra ta' żamma fi spazju limitat, inkluż irbit huma permessi għal ammont limitat ta' żmien.*

Dwar ir-**raba' imputazzjoni,** ir-regolament 5 tal-avviz legali 318/2018 jistipola li:

5. *(1) Ebda persuna ma tista' tippermetti kelb:*

*(a) jiġġerra b'mod liberu fit-toroq pubbliċi; u*

*(b) jkun ta' ħsara lin-nies jew annimali oħra.*

*(2) Ebda ħaġa f'dawn ir-regolamenti ma għandha tinftiehem li tipprojbixxi jew tipprekludi persuna milli:*

*(a) tmexxi kelb li huwa miżmum b'kullar adegwat flimkien ma ċinġa adatta li tkun miżmuma mill-persuna li tkunqegħda tmexxi l-kelb;*

*(b) jkollha kelb maġenbha fuq bankina jew fikwalunkwe post miftuħ ieħor meta il-kelb ikun miżmumb'kullar u ċinga adegwati:*

*Iżda l-persuna li jkollha il-kelb taħt ir-resonsabbiltà tagħha, għandha tkun bilqiegħda jew bilwieqfa maġenb il-kelb f'kull ħin li jkun hekk miżmum:Iżda wkoll il-projbizzjoni fuq l-irbit u t-trażżinta' kelb ma tapplikax għal klieb ta' gwida, klieb li humaspeċifikament imħarrġa biex iwettqu funzjoni partikolari, jewkwalunkwe kelb ieħor matul visti jew proċeduri veterinarji umatul tħarriġ ta' klieb f'faċilitajiet ta' tħarriġ imsemmija jewsiti li jinkludu imma mhux limitati għal bażi militari ukwartieri tal-pulizija soġġett għal restrizzjoni li tkun limitatagħal ammont raġonevoli ta' ħin meħtieġ għat-twettiq ta' kompitu partikolari.*

Fid-dawl ta' dawn id-disposizzjonijiet legali u gurisprudenza, din il-qorti qieset il-provi kollha prodotti. Tqies li ghandha taghti importanza lil dak li xehdet Heidi Grech mill-Animal Welfare fit-2 ta' Dicembru 2021, fejn spjegat li l-kelb in kwistjoni huwa mizmum fi stat tajjeb hafna. Ikkonfermat li minn dak li osservat il-kelb jorqod flimkien mal-imputat fil-kamra tas-sodda ghax it-tapit kien mimli xaghar tal-kelb. Spjegat wkoll li l-kelb kien f' sitwazzjoni tajba hafna u ma kienx jidher li l-kelb kien mahqur jew qed isofri xi tbatija jew xi dwejjaq.

Qieset ukoll ix-xhieda moghtija minn Conrad Galea li sostna li l-kelb kien instab mahlul jigri gewwa d-dar u kien jidher mizmum tajjeb; ix-xhieda moghtija minn Gerald Ebejer li spjega li l-kelb ma jidhirx li huwa mahqur u li kien jithalla marbut sakemm l-imputat johrog bil-klieb l-ohra li ghandu; u x-xhieda moghtija minn Elaine Camilleri li spjegat li hija osservat tlett iklieb fil-veranda ta' l-imputat li ma kinux marbuta u li kollha kienu nodfa u b' sahhithom.

Mill-banda l-ohra, il-Qorti giet rinfaccata b' verzjonijiet konfliggenti moghtija minn Craig Eric Jackson, minn Lara Jackson u minn Mario Formosa. Dawn xehdu li l-kelb in kwistjoni kien jithalla marbut u espost ghall-elementi, kien kontinwament jinbah kif ukoll gieli thalla jigri fit-triq wahdu minghajr ma jkun marbut b' cinga jew minghajr ma jkun hemm sidu magenbu. Madanakollu, meta Craig Eric Jackson gie mitlub jaghti dettalji dwar meta allegatament sehhew dawn l-incidenti, huwa xehed li dawn graw madwar 18-il xahar ilu. Lara Jackson ma tat l-ebda informazzjoni dwar meta allegatament sehhew dawn l-incidenti. L-istess Mario Formosa lanqas biss seta' jforni dettalji dwar meta allegatament osserva dan il-kelb marbut u espost ghall-elementi u meta allegatament osserva lil dan il-kelb jigri barra wahdu filwaqt li ma kienx marbut.

Il-Qorti lanqas tista' b' xi mod tistrieh fuq il-filmat li gie ezebit fl-atti ta' din il-kawza peress li dan il-filmat la jidher li hemm xi data jew hin meta effettivament ittiehed kif ukoll minn ezami tieghu, lanqas jidher car jekk il-kelb effettivament huwiex marbut jew le.

F'dawn ic-cirkostanzi kollha, fejn anke l-icken dubbju ghandu jmur a favur tal-imputat, din il-Qorti tqies li ma tressqux provi lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli dwar l-ewwel erba' imputazzjonijiet u ghalhekk sejra tillibera lil imputat minn dawn l-imputazzjonijiet.

Dwar il-**hames imputazzjoni,** l-artikolu 153 tal-kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra li:

*Kull persuna li ssakkar jew iġġiegħel, jew tippermetti, li xiannimal jissakkar f'xi post, għandha tieħu dawk il-prekawzjonijietmeħtieġa skont iċ-ċirkostanzi sabiex ma tħallix lil dak l-annimali dejjaq lill-ġirien, permezz ta' inbiħ jew tnewwiħ jew xort'oħra.*

Ghandu jigi osservat li skont l-artikolu 318 tal-kap 10 tal-ligijiet ta' Malta, kull min jikser id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi, jew ta' ordni jew regolament mogħti jew magħmul mill-awtorità kompetenti, jew minn uffiċjal pubbliku ieħor, bis-saħħa ta' dan il-Kodiċi, sew billi jagħmel dak li hu pprojbit li jagħmel, kemm billi jonqos li jagħmel dak li jkun ordnat li jagħmel, jew billi ma jħallix lil ħaddieħor jagħmel dak li jkun ordnat li jagħmel jew li jista' jagħmel jew billi jħassar jew iġib fix-xejn dak li ħaddieħor ikun għamel, taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ordni jew regolament, jew b'xi mod ieħor, isir ħati ta' kontravvenzjoni.

Ghaldaqstant, gialadarba din l-imputazzjoni hija ta' natura kontravvenzjonali b' preskrizzjoni ta' tlett xhur, din l-imputazzjoni tirrizulta li hija preskritta. Dana stante li fl-atti hemm nieqsa prova ta'

l-ewwel riferta pozittiva ta' l-imputat, filwaqt li l-istess imputat deher għall-ewwel darba quddiem din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fl-4 ta' Novembru 2021.

Dwar ir-reċidiva taħt l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tqis li r-reċidiva hija reat u akkuża per se, u għalhekk titlob li tinġieb l-aħjar prova sabiex jiġi żgurat li persuna tinstab ħatja jew le, skont il-każ. Fis-sentenza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Abela Paul, mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Settembru, 2004, intqal:

*"L-appellant gie akkuzat ukoll li sar recidiv in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-1 ta' Lulju 1997. Issa, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jason James Agius moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:*
*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova tal-identita` ... l-obbligu tal-Prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`.*
*Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ...."*

U fis-sentenza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Joseph Zahra, mogħtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Frar 2003, intqal:

*"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-*

*kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti -permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*

Illi f'din il-kawża ġiet eżebita biss il-fedina penali tal-imputat. Kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova din l-imputazzjoni, ħaġa li ma saritx. Illi fid-dawl tal-fatt li ma ġiex ippruvat l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, f'dan il-każ, lanqas tista' tinstab ħtija għal dak li hemm fl-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Deċide**

**Għal dawn ir-raġunijiet fuq esposti, din l-Onorabbli Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi ma ssibx lil imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet hekk kif imressqa kontra tiegħu u qegħda tilliberah minn kull kundanna u ħtija.**

**(ft.) Dr. Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft.) Diane Farrugia**
**Deputat Reġistratur**

**Vera Kopja**
**Għar-Reġistratur**